MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 59/2006

Peter Paul Attard .

VS

Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex,

Il-Qorti ;

Rat ir-rikors illi permezz tiegħu l-attur wara li ppremetta :

1. Illi huwa, Peter Paul Attard, twieled fit-tmienja (8) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u tlieta u tletin (1933) liema twelid hu reġistrat fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku Victoria, Għawdex, permezz ta' l-att ta' twelid numru tmienja u tmenin (88) ta' l-elf disa' mija u tlieta u tletin (1933) (Dok A) ;

2. Illi dan l-att tat-twelid relattiv għat-twelid ta' l-attur huwa skorrett stante li fil-kolonna intestata "Isem

il-wild" l-isem tiegħu jidher Pietro Paolo meta fil-fatt kellu jkun "Peter Paul" ,

3. Illi huwa jrid li dan l-att ikkoreġut, b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem Pietro Paolo dan għandu jiġi kkoreġut u sostitwit bl-isem 'Peter Paul' .

4. Illi dan ir-rikors qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn l-attur Peter Paul Attard li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Tiddikjara l-att tat-twelid numru tmienja u tmenin (88) ta' l-elf disa' mija u tlieta u tletin (1933) fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex relattiv għat-twelid ta' l-attur huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat .

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid numru tmienja u tmenin (88) ta' l-elf disa' mija u tlieta u tletin (1933) fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex relattiv għat-twelid ta' l-attur, billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem 'Pietro Paolo' dan għandu jiġi sostitwit u miktub 'Peter Paul' .

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni .

Rat ukoll id-dokument A, anness mar-rikors, u ċioe' ċertifikat tat-twelid numru tmienja u tmenin ta' l-elf disa' mija tlieta u tletin (88/1933) .

Rat id-degriet tagħha tal-lum, fejn awtorizzat lir-rikorrenti jipproċedi b'din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali .

Rat ir-riferta tal-konvenut li ġġib id-data tad-19 ta' Lulju 2006, tinnota li l-istess konvenut, minkejja li ġie notifikat b'dan ir-rikors baqa' kontumaċi .

Semgħet lill-attur jikkonferma l-kontenut tar-rikors tiegħu .

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talbiet huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet, u

(1) Tiddikjara l-att tat-twelid numru tmienja u tmenin (88) ta' l-elf disa' mija u tlieta u tletin (1933) fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex relattiv għat-twelid ta' l-attur huwa skorrett fis-sens spjegat fl-istess rikors .

(2) Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid li jġib in-numru tmienja u tmenin (88) tas-sena elf disa' mija tlieta u tletin (1933), fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex, relattiva għat-twelid ta' l-attur, billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem 'Pietro Paolo' dan għandu jiġi sostitwit u miktub 'Peter Paul' .

Minħabba n-natura ta' din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------